**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Mejju, 2017**

**Rikors Nru: 851/2008 AF**

**Bank of Valletta**

**Vs**

**X**

**Fl-atti tac-Cedola ta' Depozitu numru 1240/2005 fl-ismijiet:**

**Scala Developments Company Limited (C-18453)**

**vs**

**Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2013 gew nominati Kuraturi Deputati Dr. Cedric Mifsud u l-PL Nadine Farrugia biex jirrapprezentaw lill-eredità gjacenti ta' Joseph Pace**

**u**

**Scala Developments Company Limited (C-18453)**

**vs**

**Josette Spiteri**

**u**

**Scala Developments Company Limited (C-18453)**

**vs**

**Vivienne Scicluna**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors preżentant fit-22 ta' Awissu 2008 li permezz tiegħu s-soċjetà bankarja Bank of Valletta plc (C-2833) ippremettiet:

Illi fl-imsemmija Cedola ta' Depozitu (Dok. "CED") giet depozitata taht l-Awtorita ta' Din l-Onorabbli Qorti *inter alia* is-somma ta' tlett mija u tletin elf Liri Maltin (Lm330,000.00) prezz ta' bejgh tal-(i) flat internament numerat wiehed (1) formanti parti minn blokk ta' flats esternament numerat sebgha u tletin (37), Tigne Sea Front, Sliema, kif ukoll (ii) il-flat numerat sitta u tletin ittra "A" (36A), Tigne Sea Front, Sliema, liema fondi kienu qabel jappartjenu lil intimati Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace.

Illi, oltre l-kreditu fuq imsemmi in forza ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fit-30 t'April 1998 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Britannia Catering Company Limited; Joseph u Maria mizzewgin Pace; Vivienne Limited; Josette Limited; u Joecar Limited" (Citazzjoni numru 2552/96) is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-imsemmja konjugi Pace fis-somma ta' miljun u wiehed u erbghin elf, sitt mija u hames Ewro u ghaxar centezmi (€1,041,605.10) kwantu ghal miljun u tletin elf, disa' mija u tmintax-il Ewro u ghoxrin

centezmu (€1,030,918.20) sorte u kwantu ghal ghaxart elef, sitt mija u sitta u tmenin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€10,686.93) spejjez tal-kawza flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'April 1996 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi, minbarra l-krediti hawn fuq imsemmija, in forza ta' sentenza moghtija minn Din l-Onorabbli Qorti fis-16 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs 1. Lewis u Vivienne mizzewgin Scicluna u 2. Joseph u Maria Carmen Pace" (Citazzjoni numru 2391/97 RCP) is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-imsemmija konjugi Pace fis-somma ta' mija u erbat elef, mija u tlieta u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (€104,183.18) kwantu ghal mija u zewgt elef u hames Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€102,005.77) sorte u kwantu ghal elfejn, mija u sebgha u sebghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€2,177.41) spejjez tal-kawza flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Ottubru 1995 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi, minbarra l-krediti hawn fuq imsemmija il-konjugi Pace jinsabu wkoll debituri tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' sebgha u tletin elf, erba' mija u dsatax-il Ewro u hames centezmi (€37,419.05) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2002 sal-jum tal-pagament effettiv, bhala garanti ghall-"*Loan Facility*" moghtija lis-socjeta' Alps Limited u dan skond skrittura privata datata 17 ta' Marzu 1997.

Illi tenut kont ta' depoziti li saru b'rizultat ta' proceduri ezekuttivi kontra is-socjeta' intimata 'Brittania Catering Company Limited', d-debitu ta' l-imsemmija Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace jammonta ghas-somma kumplessiva ta' zewg miljuni, mitejn u tmienja u tmenin elf, erba' mija u hamsa u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2,288,485.28) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mit-22 ta' Lulju, 2008 sal-jum tal-pagament effettiv Dok. 'BOV1 sa BOV5'.

Illi, l-kreditu ta' l-esponenti versu l-istess Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace huwa munit b'diversi Ipoteki illi jippregradwaw dak ta' kwalsiasi kreditur iehor u dan partikolarment imma mhux esklussivament ghas-segwenti

Ipoteki u cioe' Ipoteki Vol. I. 2315/72, 6146/84, 17389/91, 12484/94, 3050/95, 3051/95 (Vide Dok. "A" sa "F").

Illi r-rikorrenti pprezentat rikors biex tizbanka s-somma depozitata fic-Cedola ta' Depozitu fuq imsemmija, dan imma ma setax isir minhabba oppozizzjoni ta' terzi kif ukoll minhabba diversi mandati li ghadhom veljanti fl-imsemmi depozitu u ghalhekk it-talba tal-esponenti ma ntlaqatx kif jirrizulta mid-Digriet li kopja tieghu qed tigi hawn ezibita u markata Dok. "G".

Intalbet din il-Qorti sabiex:

(i) tigi ammessa fil-lista ta' kredituri ai termini tal-Artikolu 416 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet;

(ii) il-kreditu taghha jigi pregradwat, u

(iii) tigi awtorizzata tizbanka s-somma ta' seba' mija u tmienja u sittin elf, sitt mija u tlieta u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€768,693.22) – ekwivalenti ghal–tlett mija u tletin elf liri Maltin (Lm330,000.00) depozitata permezz tac-Cedola ta' Depozitu fuq imsemmija ghall-immobbli li qabel kienu jappartjenu lill-intimati Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace,

kollox taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna u timponi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-Avviż tas-Smigħ ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fit-30 ta' Novembru 2009 a tenur tal-artikolu 416(1) et seq. tal-Kap. 12.

Rat ir-rikors tal-Perit Anthony Fenech Vella li permezz tiegħu ppremetta illi:

Fic-Cedola ta' Depozitu bin-numru 1240/05 fl-ismijiet "Scala Developments Limited vs Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace" u "Scala Developments Limited vs Josette Spiteri" u "Scala Developments Limited vs Vivanne Scicluna" giet

depozitata taht l-awtorità ta’ dina l-Onorabbli Qorti s-somma ta’ seba’ mija u tmienja u sittin elf u sitt mija u tlieta u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€786,693.22), ekwivalenti ghal tlett mija u tletin elf Lira Maltin (Lm330,000) rapprezentanti l-prezz ta’ bejgh ta’ (i) l-appartament internament numru wiehed (1) formanti parti minn blokk ta’ flats esternament numerat sebgha u tletin (37), Tigne’ Seafront, Sliema, kif ukoll (ii) l-appartament numerat sitta u tletin ittra “A” (36A), Tigne’ Seafront, Sliema, liema fondi kienu qabel jappartjenu lil Joseph u Maria Carmela konjugi Pace.

L-esponenti huwa kreditur tal-intimati Joseph Pace u martu Maria Carmela Pace versu s-somma ta’ hdax-il elf seba’ mija u tnejn u erbghin Ewro u erbatax-il centezmu (€11,742.14), ekwivalenti ghal hamest elef u erbghin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm5040.90), rapprezentanti spejjez u drittijiet professjonali dovuti lilu ghal servizzi professjonali rezi lill-istess intimati konjugi Pace fuq inkarigu taghhom stess, oltre l-imghaxijiet legali dovuti fuq l-istess kreditu.

L-imsemmi kreditu ta’ hdax-il elf seba’ mija u tnejn u erbghin Ewro u erbatax-il centezmu (€11,742.14), ekwivalenti ghal hamest elef u erbghin Lira Maltin u disghin centezmu (Lm5040.90) hu munit b’ipoteka specjali numerata 1474/2005 (kopja taghha annessa bhala Dok. “X”) iskritta fir-Registru Pubbliku ta’ Malta fuq (a) l-appartament bin-numru wiehed (1) formanti parti minn blokk ta’ flats li jgib in-numru sebgha u tletin (37), Tigne’ Sea Front, Sliema, u li ghandu in komuni mal-flats l-ohra formanti parti mill-istess blokk l-entratura, t-tarag, il-lift, is-sistema tad-drenagg u l-bejt; u (b) l-appartament numru sitta u tletin ittra “A” (36A), Tigne’ Sea Front, Sliema.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

(iv) jigi ammess fil-lista ta’ kredituri ai termini tal-Artikolu 416 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet;

(v) il-kreditu taghha jigi pregradwat, u

(vi) tigi awtorizzata tizbanka s-somma ta’ hdax-il elf seba’ mija u tnejn u erbghin Ewro u erbatax-il centezmu (€11,742.14) mis-somma ta’ seba’ mija tmienja u sittin elf u sitt mija u tlieta u disghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmi (€768,693.22) depozitata permezz tac-Cedola ta’ Depozitu fuq imsemmija rapprezentanti l-prezz tal-bejgh tal-immobbli fuq imsemmija li kienu jappartjenu lil Joseph u Maria Carmela mizzewgin Pace,

u dana soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u timponi.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta tad-debituri Joseph u Maria Carmela Pace li taqra hekk illi:

L-esponenti jaghmlu riferenza ghall-atti tas-subbasti li taw lok ghac-cedola ta’ depozitu 1240/05 u jitolbu illi dawna jigu allegati flimkien mal-atti ta’ dan ir-rikors.

Il-prova li l-esponenti jixtiequ illi jressqu permezz ta’ dawn l-atti hija li din ic-cedola hija wahda nulla u illegali stante illi saret minkejja id-divjet espress ta’ dina l-Onorabbli Qorti kif jidher minn digriet moghti wara li kien hemm talba ghall-estensjoni ta’ zmien.

Ghalhekk l-esponenti jitolbu illi jixhed ir-Registratur tal-Qorti sabiex jispjega kif thalliet li ssir din ic-cedola minkejja dan id-divjet.

Rat ir-rikors tas-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited (C 1591) li permezz tiegħu ppremettiet illi:

B’Avviz mahrug fit-30 ta’ Novembru 2009 u li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-istess data, kull min jidhirlu li ghandu interess fic-Cedola ta’ Depozitu numru 1240/05, kien imsejjah sabiex igib ‘il quddiem il-jeddijiet tieghu fuq dan id-depozitu fi zmien xahar (30 jum) mill-jum li fih inhareg dan l-Avviz.

Is-socjetà rikorrenti tinsab kreditrici tad-debituri, intimati fic-Cedola msemmija, Joseph Pace (numru tal-karta tal-identità 384735M) u Maria Carmela Pace (numru tal-karta tal-identità 182835M) fis-somma ta' mija u disa' u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€139,762.24), ekwivalenti ghal sittin elf lira Maltin (Lm60,000), oltre l-imghaxijiet fuq l-istess ammont, naxxenti minn zewg kuntratti pubblici fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello, datati 7 ta' Mejju 1992 u 21 ta' Lulju 1995 (kopji hawn annessi u markati Dok. A u Dok. B).

Il-kreditu hawn fuq imsemmi huwa kawtelat b'ipoteka generali registrata fir-Registru Pubbliku ta' Malta permezz ta' Nota tal-insinwa numru 8226/1992 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. C).

Ghal kull buon fini qieghed jigi dikjarat illi s-socjetà rikorrenti intavolat azzjoni ipotekarja sperimentali permezz ta' Rikors Guramentat (Rik. Nru. 1081/2006JRM) – differita 23 ta' Frar 2010) li kien ipprezentat fl-1 ta' Dicembru 2006 fil-konfront ta' Joseph Pace (ID Nru. 384735M), Maria Carmela Pace (ID Nru. 182835M) u Scala Developments Limited (C-18453M) li permezz tieghu intalab il-bejgh b'subbasta tal-immobbli imsemmija fic-Cedola ta' Depozitu fuq citata Nru. 1240/05 u dana sabiex mir-rikavat is-socjetà rikorrenti tkun tista' tithallas id-debitu dovut lilha.

Ghaldaqstant is-socjetà esponenti, ghal dak kollu li jrid il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u partikolarment l-artikoli 416 et seq., umilment titlob li l-kreditu taghha ghall-ammonti fuq imsemmija jigi ammess minn dina l-Onorabbli Qorti u jigi pregradwat skond il-ligi dwar il-flus iddepozitati fil-Qorti bic-cedola numru 1240/05.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li permezz tiegħu ppremetta illi:

L-esponent ghandu kreditu favurih dovut mill-intimat debitur illi tieghu qed isir il-konkors tal-kredituri hawn fuq citat.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jinsab kreditur ta' Joseph Pace f'ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Brittania Catering Co. Limited fis-somma ta' Euro514,826.56 gia mitejn u wiehed u ghoxrin elf u hmistax-il Lira Maltin u erba' centezmi (Lm221,015.04) bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuta minn Joseph Pace et skond Avviz mahrug ai termini tal-Att XXIII tal-1998 flimkien mal-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv u liema Avviz gie rez esegwibbli permezz ta' Ittra ufficjali tad-19 ta' Novmebru 2004 debitament notifikata lill-istess Joseph Pace et fit-3 ta' Jannar 2005 (ara l-att ezekuttiv hawn anness u mmarkat Dokument "A").

L-esponent ghandu interess illi jikkonkorri mal-kredituri l-ohra kif ghandu dritt li jaghmel skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli qorti tawtorizzah jidhol u jippartecipa mal-kredituri l-ohra fil-konkors ta' kredituri hawn fuq citat taht dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-rikors tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa li permezz tiegħu ppremetta illi:

L-esponent ghandu kreditu favurih dovut mill-intimat debitur illi tieghu qed isir il-konkors tal-kredituri hawn fuq citat.

Id-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa jinsab kreditur ta' Joseph Pace f'ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Brittania Catering Co. Limited fis-somma ta' Euro123,145.66 gia tnejn u hamsin elf, tmien mija u sitta u sittin Liri Maltin u tlieta u erbghin centezmi (Lm52,866.43) bhala Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa dovuta minn l-istess Joseph Pace et skond Avviz mahrug ai termini tal-Att XII tal-1997 flimkien mal-imghax legali sal-jum tal-pagament effettiv u liema Avviz gie rez esegwibbli permezz ta' Ittra ufficjali tad-19 ta' Novembru 2004 debitament notifikata lid-debitur fl-24 ta' Novembru 2004 (ara l-att ezekuttiv hawn anness u mmarkat Dokument "A").

L-esponent ghandu interess illi jikkonkorri mal-kredituri l-ohra kif ghandu dritt li jaghmel skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli qorti tawtorizzah jidhol u jippartecipa mal-kredituri l-ohra fil-konkors ta' kredituri hawn fuq citat taht dawk il-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esibiti mill-partijiet kollha parteċipi f'dan il-konkors.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' uħud mill-konkorrenti.

Rat illi r-rikors tħalla għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi dawn huma proċeduri ta' konkors ta' kredituri fuq talba tas-soċjetà Bank of Valletta plc a tenur tal-artikolu 416 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward taċ-ċedola ta' depożitu numru 1240/2005. Permezz tal-imsemmija ċedola ġiet depożitata taħt l-awtorità ta' din il-Qorti *inter alia* s-somma ta' LM330,000, illum €768,693.22, liema somma hija l-prezz li bih ġew liberati s-segwenti proprjetajiet favur is-soċjetà Scala Developments Company Limited: (i) il-flat internament numerat wieħed (1) formanti parti minn blokk ta' flats esternament numerat sebgħa u tletin (37), Tigne Seafront, Sliema, u (ii) il-flat numerat sitta u tletin ittra 'A' (36A), Tigne Seafront, Sliema, liema proprjetajiet kienu jappartjenu lid-debituri Joseph u Maria Carmela konjuġi Pace.

Din is-somma ġiet depożitata bil-kundizzjoni li '*kull żbankant joffri l-garanzija ipotekarja ta' ħwejġu kollha vigenti u futuru u dan sabiex tagħmel tajjeb għall-eventwali redepositu f'każ ta' evizzjoni jew molestja rigward il-paċifiku pussess tal-istess proprjeta immobiljari liberata*' fost kundizzjonijiet oħra li mhumiex rilevanti għall-finijiet tar-rikors odjern.

Wara l-ħruġ tas-soliti avviżi, ikkonkorrew ukoll f'dawn il-proċeduri l-Perit Anthony Fenech Vella, is-soċjetà The General Soft Drinks Company Limited, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u d-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.

Id-debituri Joseph u Maria Carmela konjuġi Pace ppreżentaw risposta għar-rikors promotur. Madanakollu, id-debituri u/jew l-abbli difensur legali tagħhom qatt ma dehru quddiem din il-Qorti u ma ressqu l-ebda prova sabiex jissotanzjaw il-kontenut tar-risposta tagħhom.

Mill-provi prodotti, din il-Qorti hija sodisfatta li l-konkorrenti kollha huma kredituri ta' Joseph u Maria Carmela konjuġi Pace. Qieghed jiġi notat illi fin-nuqqas ta' prova kuntrarja japplika dak dispost fl-Artikolu 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili u ċioè li ż-żwieġ li jsir f'Malta jġib *ipso jure* bejn il-miżżewġin il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort' oħra b'att pubbliku u għaldaqstant, anke dawk id-djun li jgħajtu lill-Joseph Pace waħdu jorbtu wkoll lil martu għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi l-flus depożitati ma jistgħux jissodisfaw il-partijiet kollha, jeħtieġ illi din il-Qorti tistabbilixxi minn għandu dritt għalihom skont il-liġi.

Is-soċjetà Bank of Valletta plc tikkontendi li hija kreditriċi ta' Joseph u Maria Carmela Pace fis-somma ta' €2,439,252.27 flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-24 ta' April 2010 sal-ġurnata tal-eventwali pagament, liema kreditu huwa munit bis-segwenti ipoteki:

i. Nota ta' Ipoteka bin-numru I/2315/1972 għall-ammont ta' LM6000, illum €13,976.24, oltre l-imgħax legali;
ii. Nota ta' Ipoteka bin-numru I/6146/1984 għall-ammont ta' LM70,000, illum €163,056.14, li jinkludi l-ammont kopert bl-ipoteka I/2315/1972 oltre l-imgħax legali;
iii. Nota ta' Ipoteka bin-numru I/17389/1991 li hija ipoteka addizzjonali għal dik bin-numru I/6146/1984;
iv. Nota ta' Ipoteka bin-numru I/12484/1994 fl-ammont ta' LM100,500, illum €234,102.03, oltre l-imgħax legali;
v. Nota ta' Ipoteka bin-numru I/3050/1995 fl-ammont ta LM80,000, illum €186,349.87, oltre l-imgħax legali;

vi. Nota ta' Ipoteka bin-numru I/3051/1995 fl-ammont ta' LM200,000, illum €465,874.68, oltre l-imgħax legali;
vii. Nota ta' Ipoteka bin-numru 7257/1999 fl-ammont ta' LM63,000, illum €146,750, oltre l-imgħax legali.

Is-soċjeta rikorrenti Bank of Valletta plc ġiet kanonizzata kreditriċi tad-debituri permezz ta' diversi sentenzi ta' din il-Qorti diversament presjeduta li jmorru lura mit-30 ta' April 1998.

Il-Perit Anthony Fenech Vella jikkontendi li huwa kreditur tad-debituri fl-ammont ta' LM5040.90, illum €11,742.14, liema kreditu huwa munti b'ipoteka speċjali bin-numru I/1474/2005.
The General Soft Drinks Company Limited tikkontendi li hija kreditriċi tad-debitur Joseph Pace fl-ammont ta' Lm60,000, illum €139,762.40, oltre l-imgħax legali, liema ammont huwa munit b'ipoteka ġenerali bin-numru I/8226/1992.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u d-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (illum il-funzjoni taż-żewġ diretturi hija mwettqa mill-Kummissarju tat-Taxxi) jikkontendu li huma kredituri tad-debitur Joseph Pace fl-ammont ta' Lm221,015.04, illum €514,826.55 u Lm52,866.43, illum €123,145.66 rispettivament, oltre l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv. Huma jikkontendu li għandhom jippregradwaw il-kredituri l-oħra għaliex igawdu minn privileġġ speċjali skont l-artikolu 62 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 52 tal-Kap. 395 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqraw hekk:

> *"62. Il-Kummissarju ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attività ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha titħallas, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009 (a) jew (b) tal-Kodiċi Ċivili."*

> *"52. Id-Direttur ikollu privileġġ speċjali fuq l-attiv li hu parti mill-attività taxxabbli ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taħt dan l-Att u t-taxxa msemmija għandha, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra,*

*titħallas bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor, ħlief dejn li jkollu privileġġ ġenerali u dejn imsemmi fl-artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodiċi Ċivili."*

Il-bank rikorrent u l-Kummissarju tat-Taxxi ressqu sottomissjonijiet dettaljati u ċċitaw ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar l-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi għall-proċeduri odjerni. Madanakollu, din il-Qorti ssib illi stħarriġ fid-dettal dwarhom ikun purament ta' natura akkedemika għaliex il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jressaq l-iċken prova li l-flus depożitati permezz taċ-ċedola ta' depożitu meritu ta' dawn il-proċeduri jagħmlu sehem mill-attività ekonomika jew taxxabbli tad-debituri. Skont l-artikolu 5(2) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, attività ekonomika tfisser:

*"...attività ġestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jaġixxi bħala tali, u li tkun tikkonsisti f'wieħed jew iżjed minn dan li ġej:*
*(a) xi negozju jew kummerċ;*
*(b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz persunali ieħor;*
*(ċ) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tanġibbli jew li mhix tanġibbli bil-għan li jinkiseb qligħ minnha tul medda ta' żmien kontinwu;*
*(d) l-għoti minn club, assoċjazzjoni jew organizzazzjoni (għax titħallas xi miżata jew jingħata xi korrispettiv ieħor) tal-faċilitajiet jew vantaġġi disponibbli għall membri relattivi;*
*(e) id-dħul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond*."

Is-somma depożitata hija l-prezz li bih ġiet liberata favur terzi proprjeta immobbli li kienet tappartjeni lill-konjuġi Pace f'isimhom personali u minn imkien ma jirriżulta li din il-proprjetà kienet tagħmel parti mill-attività ekonomika jew attività taxxabli tagħhom kif qiegħed jippretendi il-Kummissarju tat-Taxxi u għaldaqstant, l-artikoli tal-liġi ċitati mhumiex applikabbli għall-każ tal-lum b'dan illi l-Kummissarju ma jgawdi minn ebda privileġġ speċjali fuq is-somma depożitata. Isegwi għalhekk illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi li għandu jippregradwa lil kulħadd m'hijiex gustifikata.

Għalhekk, din il-Qorti jirriżultalha li l-ammont depożitat permezz taċ-ċedola bin-numru 1240/2005 għandu jiġi żbankat minn dawk il-konkorrenti li huma kredituri ipotekarji qabel kredituri oħra u dan skont l-ordni tal-iskrizzjoni ta' dawk l-ipoteki kif jipprovdi l-artikolu 2092 tal-Kap. 16. Jirriżulta li b'dan il-mod, mill-ammont depożitat permezz tal-imsemmija ċedola ser jitħallsu biss is-soċjetajiet The General Soft Drinks Company Limited u in parti Bank of Valletta plc u għaldaqstant, m'hemmx skop li din il-Qorti tipronunzja ruħha dwar il-kreditu tal-Perit Anthony Fenech Vella u tal-Kummissarju tat-Taxxi.

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-każ billi tiddikjara li l-konkorrenti għandhom jitħallsu fis-segwenti ordni:

1. Is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta plc fl-ammont ta' Lm70,000 (sebghin elf Liri Maltin), illum €163,056.14 (mija u tlieta u sittin elf u sitta u hamsin Ewro u erbatax-il centezmu), oltre l-imgħax legali dovut;

2. Is-soċjetà rikorrenti The General Soft Drinks Limited fl-ammont ta' Lm60,000 (sittin elf Liri Maltin), illum €139,762.40 (mija u disa' u tletin elf seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin centezmi), oltre l-imgħax legali dovut;

3. Is-soċjetà rikorrenti Bank of Valletta plc fl-ammont rimanenti;

u dan wara li ż-żewġ konkorrenti joffru garanzija ipotekarja ta' ħwejjiġhom kollha preżenti u futuri sabiex tagħmel tajjeb għall-eventwali re-depożitu f'każ ta' evasjoni jew molestja rigward il-paċifiku pussess tal-fond liberat, u dan skont kif indikat fiċ-ċedola ta' depożitu 1240/2005 u a tenur tal-artikolu 423 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull parti għandha proviżjorjament tħallas l-ispejjeż tagħha li finalment għandhom jitħallsu mid-debituri konjuġi Pace.

IMHALLEF

DEP/REG